# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 305/08/1 JZM**

**Avantgarde Holdings Limited (C-27163)**

**v.**

**Vassallo Builders Limited (C-20882)**

1. L-attriċi kienet ingħatat kuntratt ta' appalt mill-konvenuta sabiex tissuplixxi "*sanitary ware and fittings"* u tissuplixxi u tinstalla madum tal-art u tal-ħajt ġo fond ġewwa Ta' Sliema, versu l-prezz pattwit ta' Lm118,000 (inkluż VAT), b'xogħol addizzjonali jitħallas pro rata. Oriġinarjament kien ġie pattwit li s-sit kien ser ikun aċċessibbli għall-attriċi fit-13 ta' Ġunju 2005 u x-xogħlijiet li kellhom jiġu esegwiti minnha kellhom jitlestew sal-31 ta' Awwissu 2005. Peress li l-fond ma kienx aċċessibbli

fit-13 ta' Ġunju 2005 kif kien oriġinarjament pattwit, il-konvenuta kkonsenjat programm ta' xogħlijiet lill-attriċi skont liema hija kellha tibda x-xogħlijiet fil-11 ta' Lulju 2005 u tlestihom sal-14 ta' Settembru 2015. L-attriċi tgħid li kien hemm diversi intoppi waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet, u senjatament li: (i) xi xogħlijiet li kellhom jiġu kompletati qabel setgħet tagħmel ix-xogħlijiet hi ma kinux lesti u għalhekk il-programm ta' xogħlijiet rivedut ma setax jiġi osservat, (ii) il-Perit arkitett nominat mill-konvenuta ma kienx qiegħed joħroġ "*interim certificates of Payment"* kif kien ġie pattwit, b'mod għalhekk li hija ma kinitx qed titħallas u (iii) hija ġiet imqabbda tagħmel xogħlijiet addizzjonali. Fis-27 ta' Ottubru 2005 il-konvenuta tterminat l-appalt mogħti lill-attriċi permezz ta' ittra u l-konvenuta preżentat il-kont tagħha għall-materjal supplit u x-xogħol esegwit minnha, fl-ammont totali ta' Lm123,969.75 (inkluż VAT), li minnu l-konvenuta kienet ħallset Lm34,351.67, u għalhekk kien fadal bilanċ ta' Lm89,618.08. L-attriċi tgħid li f'Diċembru 2005 il-konvenuta bagħtet ċekk ta' Lm8,001.53 a saldu, liema ċekk ġie rifjutat u peress li tentattivi sabiex jintlaħaq xi ftehim bonarju fallew kellhom isiru dawn il-proċeduri.

2. Hija talbet għalhekk lill-Qorti sabiex:

> "1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn u tmint elef seba` mija tlieta u hamsin Euro u sebgha u disghin centezmu (€208,753.97) ekwivalenti ghal Lm89,618.08, bilanc ta` somma akbar, prezz ta` materjal u xoghol ikkonsenjat u pprestat f`Prince of Wales Residence, Triq Manwel Dimech, Sliema.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta` Marzu 2006 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni."

3. Il-konvenuta eċċepiet, *inter alia,* li t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda peress li l-ebda ammont mhuwa dovut minnha lill-attriċi.

4. Flimkien mar-risposta ġuramentata tagħha l-konvenuta preżentat ukoll kontrotalba, permezz ta' liema, wara li premettiet li sofriet danni minħabba xogħol difettuż li sar mill-attriċi u minħabba d-dewmien fl-esekuzzjoni tax-xogħlijiet mill-attriċi talbet lill-Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` attrici kienet inadempjenti fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu lilha fdat mis-socjeta` konvenuta bil-kuntratt datat 10 ta` Gunju 2005;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li b`konsegwenza tal-inadempjenza kontrattwali tas-socjeta` attrici s-socjeta` konvenuta sofriet u ghadha qed issofri danni u li ghal dawn id-danni hija unikament responsabbli s-socjeta` attrici;

3. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` attrici kienet tardiva fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet lilha fdati mis-socjeta` konvenuta u ghalhekk hija passibbli ghall-hlas lill-istess socjeta` konvenuta ta` penali ghad-dewmien;

4. Tillikwida, permezz ta` periti nominandi, id-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta b`konsegwenza tal-inadempjenza kontrattwali tas-socjeta` attrici u l-penali dovuta mis-socjeta` attrici ghad-dewmien fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet lilha fdati mis-socjeta` konvenuta; u

5. Tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta d-danni u l-penali ghad-dewmien fis-somma likwidata skont ir-raba` talba attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta` attrici rapprezentanti ta` liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

5. L-attriċi rikonvenzjonata eċċepiet, *inter alia,* illi ma kinitx inadempjenti jew tardiva fl-eżekuzzjoni tal-inkarigu mogħti lilha u għalhekk mhijiex responsabbli għal danni.

6. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Mejju 2017 ġie deċiż hekk:

> " Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-
>
> Tichad l-eccezzjoni fil-mertu tas-socjeta` konvenuta.
>
> Tilqa` parzjalment it-talba attrici kif dedotta billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija erbgha u hamsin elf mija hamsa u tletin Ewro u tmien centezmi (€154,135.08) bl-imghax legali b`effett mil-lum.
>
> Tiddisponi mill-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta, kif ukoll tiddisponi mit-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta billi :-
>
> Riferibbilment ghall-ewwel talba rikonvenzjonali, tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` attrici kienet parzjalment inadempjenti.
>
> Tipprovdi dwar it-tieni talba rikonvenzjonali billi tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta garrbet danni minhabba l-inadempjenza kontrattwali anke jekk parzjali da parti tas-socjeta` attrici.
>
> Tilqa` t-tielet talba rikonvenzjonali.
>
> Tipprovdi dwar it-tielet talba rikonvenzjonali billi tillikwida d-danni tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta` wiehed u sittin elf sitt mija u erbatax-il Ewro disgha u tletin centezmu (€61,614.39) filwaqt illi tillikwida l-penali dovuta lis-socjeta` konvenuta fl-ammont ta` tlitt elef tmien mija tlieta u erbghin Ewro sebgha u erbghin centezmu (€3,843.47)
>
> Tipprovdi dwar il-hames talba rikonvenzjonali billi tikkundanna lis-socjeta` attrici sabiex thallas lis-socjeta` konvenuta s-somma komplessiva ta` hamsa u sittin elf erba` mija sebgha u hamsin Ewro sitta u tmenin centezmu (€65,457.86) in kwantu ghal wiehed u sittin elf sitt mija u erbatax-il Ewro disgha u tletin centezmu (€61,614.39) bhala danni u in kwantu ghal tlitt elef tmien mija tlieta u erbghin Ewro sebgha

> u erbghin centezmu (€3,843.47) bhala penali, bl-imghax legali b`effett mil-lum.
>
> Tordna illi l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mis-socjeta` attrici u in kwantu ghal nofs mis-socjeta` konvenuta."

7. L-attriċi preżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-15 ta' Ġunju 2017 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li l-imgħaxijiet fuq is-somma ta' €154,135.08, li għandha titħallas lilha mis-soċjetà konvenuta għandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Marzu 2006 u billi tiċħad it-talba rikonvenzjonali għall-penali, u wkoll billi tvarja l-ammont ta' danni likwidat mill-Ewwel Qorti fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta rikonvenzjonanti billi tirriduċi l-istess ammont minn €61,614.39 għal €48,468.29, bl-ispejjeż kontra l-appellata.

8. Is-soċjetà konvenuta appellata preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fl-4 ta' Lulju 2017 permezz ta' liema ssottomettiet li l-appell tal-attriċi għandu jiġi miċħud *in toto* u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż tal-appell a karigu esklussiv tal-attriċi appellanti.

**Ikkonsidrat:**

**L-Ewwel Aggravju**

9. L-appellanti tilmenta li ma kien hemm l-ebda raġuni valida għaliex l-Ewwel Qorti ordnat li l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tas-

sentenza u mhux mid-data tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Marzu 2006. Targumenta li kemm f'din l-ittra uffiċjali u kif ukoll fir-rikors ġuramentat hija kienet talbet somma preċiża, u ċjoè Lm89,618.08 ekwivalenti għal €208,753.97 u l-fatt li hija ma ġietx akkordata s-somma sħiħa mhijiex raġuni valida sabiex is-soċjetà konventa ma tħallasx imgħax għal dawk is-snin kollha li hija naqset milli tħallas. Tilmenta li ma kinitx korretta l-Ewwel Qorti meta kkonsidrat li s-somma likwidata mill-Perit Tekniku hija anqas min-nofs mitlub peress li l-perit tekniku llikwida s-somma ta' €154,136.94 u għalhekk din is-somma hija tliet kwarti tal-ammont mitlub, u dan apparti li l-konvenuta ma ddepożitat l-ebda somma taħt l-awtorità tal-Qorti iżda baqgħet tgawdi l-flus li huma dovuti lill-attriċi għal aktar minn ħdax-il sena.

10. Il-konvenuta twieġeb li dan l-aggravju huwa banali u nieqes minn kull fondament ġuridiku għaliex it-talba attriċi ġiet imnaqqsa b'iżjed minn 50% wara investigazzjoni ġudizzjarja komplessa, kif jidher mill-atti. Targumenta li ladarba l-attriċi qed titlob lil din il-Qorti sabiex tikkonferma l-*quantum* likwidat favur tagħha mill-Ewwel Qorti hija qiegħda taċċetta mingħajr riserva tnaqqis ta' 25% mit-talba oriġinali tagħha, u r-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal dan it-tnaqqis, u għaldaqstant hija ammissjoni ċara li l-attriċi pruvat b'qerq takkwista ħlasijiet li ma kinux dovuti lilha. Iżżid, li inoltre ladarba l-attriċi mhijiex qed titlob li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li hija kkawżat danni lill-konvenuta tiġi revokata, allura qed

tammetti li 20% tal-materjal supplit u xogħol esegwit minnha ma kienx tal-kwalità meħtieġa, u dan oltre li l-attriċi qed tammetti li kkawżat danni fis-somma ta' €48,468.29. Issostni li din is-somma flimkien mas-somma li tnaqqset mill-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi tfisser tnaqqis ta' 50% mit-talba oriġinali u għalhekk id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li l-imgħax għandu jiddekorri mid-data tas-sentenza hija ġustifikata.

11. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Dwar l-imghax, il-Qorti tirrileva illi, tenut kont tal-konteggi kollha li kellhom isiru fil-kors ta` din il-kawza kemm fir-rigward tat-talbiet attrici, kif ukoll fir-rigward tal-kontrotalba, u tenut kont ta` l-quantum li kienet qeghda tippretendi s-socjeta` attrici in konfront ma` dak li l-Qorti sabet li huwa dovut, il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju illi fuq kull ammont li qed jigi likwidat bis-sentenza tal-lum l-imghax legali ghandu jibda jiddekorri b`effett mil-lum."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12. Jirriżulta li wara li l-attriċi telqet mil-lant tax-xogħol konsegwenti għat-terminazzjoni tal-appalt mill-konvenuta hija kienet ħarġet kont ta' dak li hija kienet qed tikkontendi li kellu jitħallas lilha, u ċjoè €208,753.97, li huwa l-ammont reklamat minnha f'din il-kawża. Min-naħa tagħha l-konvenuta għamlet il-konteġġi tagħha u offriet ammont irriżorju ta' €18,916.14 (Lm8,001.53) li naturalment l-attriċi rrifjutat. Dan ir-rifjut jirriżulta li huwa ampjament iġġustifikat mill-fatt li dan l-ammont jirrappreżenta anqas minn kwart tal-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti, anke tenut kont l-ammonti likwidati favur il-konvenuta. Jirriżulta però li

anke l-ammont li kien ġie mitlub mill-attriċi kien ferm esaġerat, ikkonsidrat li jekk mill-ammont likwidat jitnaqqas biss l-ammont li f'dan l-appell l-attriċi tammetti li huwa dovut minnha lill-konvenuta, dan ifisser li l-attriċi hija fil-fatt dovuta ċirka nofs is-somma li oriġinarjament talbet. Din id-diskrepanza fl-ammonti li ġew mitluba rispettivament mill-partijiet hija dovuta għall-fatt li kellhom isiru konteġġi komplessi, kif jidher mill-atti voluminużi ta' din il-kawża u mir-relazzjoni tal-Periti Ġudizzjarji. Dawn il-konteġġi kienu jeħtieġu mhux biss eżami ta' eżattament liema kienu x-xogħlijiet magħmula mill-attriċi li għalihom kienet għadha ma tħallsitx, iżda wkoll eżami dwar il-kwalità ta' dawn ix-xogħlijiet peress li l-konvenuta kienet ilha tilmenta dwar nuqqas ta' kwalità fix-xogħol li kien qed isir mill-attriċi sa minn ftit wara li bdew ix-xogħlijiet. Magħdud dan però jibqa' l-fatt illi s-soċjetà attriċi għalkemm ser tieħu inqas milli ppretendiet għandu jkollha d-dritt għall-imgħax fuq l-ammont likwidat favuriha wara t-tnaqqis dovut minnha lis-soċjetà konvenuta bit tpaċija *ex lege* u dan sa mid-data tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Marżu 2006. Dan qed jingħad għaliex is-soċjetà konvenuta baqgħet tgawdi dan l-ammont bilanċjali dovut sa issa.

13. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ f'dan is-sens.

**It-Tieni Aggravju**

14. L-appellanti tilmenta li *nonostante* d-dikjarazzjoni inekwivoka tal-Perit Legali u l-Perit Tekniku li l-kamra 108, u allura l-kmamar kollha ta' fuqha, ma setgħux jinbdew bit-tqegħid tal-madum sal-aħħar ta' Ottubru

2005, l-Ewwel Qorti aċċettat illi l-penali stabbilita fil-kuntratt ta' appalt kellha tibda tiddekorri mill-15 ta' Ottubru 2005 u tkompli sas-26 ta' Ottubru 2005. Issostni li għalhekk hija ġiet penalizzata għal nuqqas tas-soċjetà konvenuta għaliex huwa impossibbli li l-madum jitqiegħed fuq art ineżistenti. Targumenta li barra minn hekk jirriżulta mill-provi li hija kienet ingħatat xogħlijiet addizzjonali oltre dak kontemplat fil-kuntratt ta'appalt u għal dan ix-xogħol addizzjonali ma ġiet ikkonsidrata l-ebda estensjoni ta' żmien, lanqas ġurnata waħda, u għalhekk l-impożizzjoni tal-penali hija nġusta u lloġika.

15. L-appellata twieġeb li kif ikkonstataw il-Periti Ġudizzjarji l-kmamar fejn kien hemm il-krejn ma kinux jiffurmaw parti mill-appalt mogħti lill-attriċi, u li d-dewmien fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet kien minħabba dewmien fil-fornitura ta' materjal u esekuzzjoni tax-xogħlijiet in ġenerali. Targumenta li mill-provi rriżulta li l-ilmenti tal-attriċi li l-konvenuta kienet qed iżomm il-ħlasijiet lura bdew ferm wara li l-konvenuta kienet ilha tilmenta mal-attriċi dwar il-kwalità tax-xogħlijiet li l-konvenuta kienet qed tagħmel u n-nuqqas ta' adeżjoni tagħha mal-programm tax-xogħol. Iżżid li mill-minuti tal-laqgħat li kienu jsiru u li għalihom Joe Vella kien kważi dejjem attenda jirriżulta li lmenti min-naħa tal-attriċi li kienet qed tiġi mfixkla jew impeduta fix-xogħol tagħha qatt ma tqajmu fiż-żmien relevanti u bdew jitqajmu proprju wara li l-appalt tal-attriċi kien ġie tterminat. Targumenta li mill-provi jirriżulta li wieħed mill-ilmenti tal-attriċi kien fis-

sens li Stephen Azzopardi kien qiegħed iwaqqaf il-ħaddiema tagħha li ma kinux ikunu liebsin *safety shoes*, u tgħid li kif ġie kkonstatat mill-Periti Ġudizzjarji dan kien ilment frivolu peress li s-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kienet mhux biss obbligu kuntrattwali espress, iżda wkoll obbligu legali li l-ksur tiegħu jikkostitwixxi reat. Fir-rigward tal-ilment tal-attriċi marbut max-xogħlijiet addizzjonali l-konvenuta twieġeb li l-attriċi messha talbet estensjoni meta rat li ma kinitx ser tlaħħaq mal-programm oriġinali, iżda dan naqset milli tagħmlu.

16. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ghar-rigward tal-kontrotalba, il-Qorti tirrileva illi mill-provi jidher illi min-naha tas-socjeta` attrici kien hemm numru ta` inadempjenzi sa mill-bidu nett. Kien Joseph Vella stess li ppropona li huwa seta` jlesti t-tqeghid tal-madum fi zmien ghaxart ijiem ghal kull sular (minuta 641/2005). Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-periti gudizzjarji li celerita` fi zminijiet tant stretti fit-twettieq tax-xoghol kien ambizzjuz hafna. Jidher ukoll mill-minuti li t-tqeghid tal-madum kellu jibda fil-4 ta` Lulju 2005 mentri fil-fatt beda fit-13 ta` Lulju 2005. Minbarra dan, hemm minuti ohra li juru li mill-bidunett s-socjeta` attrici ma kenitx qeghda tlahhaq max-xoghol u li kien qed jigi rappurtat li x-xoghol li kien qed isir ma kienx ta` kwalita`. Tajjeb jinghad illi fil-kuntratt ta` appalt kien patwit illi l-kwalita` tax-xoghol kellha tkun bhal dik murija fis-show flat u ghalhekk s-socjeta` attrici setghet taf ben tajjeb x`tip ta` xoghol kellha taghmel.
>
> Ghalkemm fil-kors tal-kawza saru diversi ilmenti da parti ta` Joseph Vella li hu kien inadempjenti ghaliex anke s-socjeta` konvenuta kienet inadempjenti billi l-bini ma kienx lest meta kellu jkun lest, dan kollu ma jirrizultax mill-minuti tal-laqghat. Sas-7 ta` Settembru 2005, is-socjeta` attrici qatt ma rrilevat jew kkummentat li hija kienet tard fix-xogholijiet minhabba inadempjenza da parti tas-socjeta` konvenuta u anke meta mill-bidunett s-socjeta` konvenuta kienet tinnota li x-xoghol ma kienx qed isir bil-kwalita` miftehma, is-socjeta` attrici qatt ma rribattiet.
>
> Min-naha l-ohra ghalkemm is-socjeta` attrici kienet qed tkun tardiva u kien hemm diversi ilmenti da parti tas-socjeta` konvenuta, din tal-ahhar xorta kompliet bil-kuntratt ta` appalt li kien nghata lis-socjeta` attrici. Fl-ahhar mill-ahhar skont klawsola G19.2 is-socjeta` konvenuta kellha d-

dritt li tittermina l-appalt kemm jekk x-xogholijiet ma kinux qed isiru skont il-kwalita tas-show flats u kemm jekk l-progress tax-xoghol ma kienx skont l-kuntratt – izda s-socjeta` konvenuta ghazlet li ma taghmilx dan. Kien biss fl-ahhar ( Ottubru 2005) li marret ghat-terminazzjoni.

Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-periti gudizzjarji li kien hemm inadempjenza miz-zewg nahat. Ghalhekk l-inadempjenza ma setghetx tigi mputata biss lis-socjeta` attrici kif jirrizulta fl-ewwel talba rikonvenzjonali.

[…]

Riferibbilment ghat-tielet talba, ukoll kif diga` rrizulta aktar kmieni, il-penali ghad-dewmien tammonta ghal €3,843.47."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

17. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa manifestament infondat. Minn eżami tal-atti jirriżulta ampjament li l-appellanti ma ġietx penalizzata għaliex ma lestietx ix-xogħlijiet f'appartamenti li ma kinux għadhom lesti mil-lat tal-kostruzzjoni. Mill-minuti tal-laqgħat li ġew prodotti in atti jirriżulta li l-konvenuta kienet ilha tilmenta mal-konvenuta dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, oltre problemi bil-kwalità tax-xogħol sa mil-laqgħa tal-1 ta' Awwissu 2005. Minn eżami tal-minuti tal-laqgħat li kienu qed jinżammu bejn il-persuni kollha nvoluti jirriżulta li l-appellanti kienet lura fix-xogħol b'mod ġenerali u li meta l-konvenuta eventwalment għażlet li tittermina l-appalt mhuwiex il-każ li kien fadal biss li jiġu esegwiti xogħlijiet fl-appartamenti li l-kostruzzjoni tagħhom ma kinitx għadha tlestiet kif targumenta l-appellanti. Fil-fatt, fil-minuti tal-laqgħa tat-3 ta' Ottubru 2005 ġie rimarkat minn Nazzareno Vassallo in rappreżentanza tal-konvenuta li l-appellanti kien għad fadlilha ammont sostanzjali ta'

xogħol x'tagħmel li ma kellu xejn x'jaqsam mal-appartamenti li kienu għadhom ma nbnewx, inkluż l-installazzjoni ta' madum fil-kmamar tal-banju tal-livell -1, il-madum tal-kmamar tal-banju fil-livell -2 kellu jerġa' jiġi nstallat peress li x-xogħol kien ġie esegwit ħażin, kien għad baqa' xogħlijiet mhux lesti fil-gallariji interni tal-livelli 5 u 6, filwaqt li x-xogħlijiet fil-gallariji esterni kien għadu lanqas beda, u dan oltre xogħlijiet li ma kinux għadhom lesti f'numru ta' appartamenti, apparti dawk li kienu għadhom mhux kompletament mibnija. Għalhekk huwa ċar li l-argument tal-appellanti li ġiet ippenalizzata għaliex ma lestietx xogħol li kien impossibbli li tagħmel minħabba nuqqasijiet tal-appellata huwa manifestament infondat.

18. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellanti li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ma ħaditx inkonsiderazzjoni l-fatt li kienet ġiet inkarigata tagħmel xogħlijiet addizzjonali. L-għażla li taċċetta li tagħmel dawn ix-xogħlijiet addizzjonali kienet fakultativa għall-attriċi. Ladarba kien tant ċar sa mill-bidu nett li l-appellanti ma kinitx qed tlaħħaq max-xogħlijiet skont il-programm li kien ġie miftiehem kienet responsabbilità tal-appellanti li jew tirrifjuta milli tagħmel xogħlijiet addizzjonali jew inkella li tinsisti li tingħata estensjoni formali qabel ma taċċetta li tesegwixxi dawn ix-xogħlijiet addizzjonali. Ladarba dan m'għamlitux l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkundannata tħallas il-penali previsti fil-kuntratt tal-appalt li kien jirregola r-relazzjoni ġuridika ta' bejn il-partijiet. Dan partikolarment

ikkonsidrat li mill-atti jirriżulta li l-appellanti kienet ingħatat estensjoni sal-15 ta' Ottubru 2005, a kuntrarju ta' dak argumentat mill-appellanti li hija ma kienet ingħatat l-ebda estensjoni.

19. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tielet Aggravju**

20. Dan l-aggravju jirrigwarda żewġ partiti speċifiċi ammontanti għal €5,309.81 u €7,836.29 li l-appellanti ssostni ma kellhomx jiġu likwidati favur il-konvenuta u dan għaliex:

i. Il-konvenuta ma esebiet l-ebda riċevuta in sostenn tal-ammont reklamat u għalhekk it-talba ma kellhiex tiġi akkordata mill-Ewwel Qorti;

ii. Fil-*Bill of Quantities* il-konvenuta talbet bibien tas-*showers* li kienu jeħtieġu qis *standard* u hija fil-fatt kienet mill-bidu nett tal-kuntratt tal-appalt bdiet negozjati ma' terzi sabiex dawn jiġu suppliti. Issostni li sussegwentement il-konvenuta talbet numru ta' ħġieġ kull waħda b'għamla u qies differenti. Issostni li dan kien diġa ħareġ minn Lulju 2005 u l-unika referenza li ssir fil-minuti tal-laqgħat hija għall-fatt li terzi kellhom jissuplixxu *sample* tal-ħġieġ. Targumenta li mhuwiex aċċettabli

li jkollha tagħmel xi ħlasijiet lill-konvenuta għaliex il-konvenuta m'aċċettatx il-materjal li kien ġie ordnat minnha, u li fi kwalunkwe każ kien jinkombi fuq il-konvenuta li tressaq dokumentazzjoni li tipprova d-differenza fil-prezz bejn dak ordnat mingħandha l-attriċi u dak li attwalment ħallset żejjed lil terzi.

iii. Tilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti erronjament aċċettat in-nefqa kollha li allegatament nefqet l-appellata u mhux biss id-differenza bejn il-prezzijiet.

21. L-appellata twieġeb li l-ilment tal-attriċi li l-konvenuta xtrat mingħand terzi l-ħġieġ tas-*showers* differenti minn dak speċifikat fil-*Bill of Quantities* huwa gratuwitu u ma jirriżultax mill-atti, u dak li jirriżulta mill-atti huwa li dawn il-bibien tas-*showers* kienu responsabbilità tal-attriċi u peress li l-attriċi naqset milli tissuplixxi l-istess il-konvenuta kellha tixtrihom mingħand terzi bi prezz ogħla. Dwar l-argument tal-attriċi li hija naqset milli tipprova permezz ta' provi dokumentarji d-differenza bejn il-prezz ta' dak ordnat mingħandha u dak li attwalment tħallas żejjed lil terzi, il-konvenuta twieġeb li din id-differenza tirriżulta miċ-ċertifikat peritali li huwa dikjarazzjoni professjonali li ma ġietx ikkontestata. Tikkontesta l-argument tal-attriċi li l-Ewwel Qorti aċċettat in-nefqa kollha li l-konvenuta nefqet, u mhux id-differenza bejn il-prezzijiet, u tgħid li hemm mir-relazzjoni peritali u kif ukoll mis-sentenza appellata jirriżulta

manifestament li t-tnaqqis suġġerit mill-Periti Ġudizzjarji u addottat mill-Ewwel Qorti jirrappreżenta biss l-ispejjeż żejda minħabba nuqqas ta' fornitura da parti tal-appellanti.

22. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Kienu domandati ghaliex naqqsu l-ammont ta` €3,365.12 relatat mal-hgieg tas-showers, huma wiegbu illi skont item 2.03 tal-kuntratt, il-bibien tas-showers kienu responsabilita` tas-socjeta` attrici. Gara li dawn ma gewx suppliti mis-socjeta` attrici, u kellhom jinxtraw minghand terzi bi prezz oghla."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

23. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju għandu mis-sewwa. Mill-atti jirriżulta li l-appellata naqset milli tipproduċi prova ċara u attendibbli dwar l-ammonti li hija effettivament nefqet meta kellha tixtri prodotti li ma kinux ġew suppliti mill-attriċi. Huwa minnu li dawn l-ammonti huma ndikati fir-rapport tal-Perit Ivan Pace. Però l-liġi teżigi li parti tressaq l-aħjar prova, u f'dan ir-rigward ċertament mhuwiex ir-rapport tal-Perit maħtur mill-appellata li huwa l-aħjar prova. Ma jirriżultax li l-prova ta' kemm l-appellata effettivament nefqet fuq dawn il-bibien hija prova li kien impossibbli jew irraġonevolment diffiċli għaliha biex tagħmel, ladarba bil-liġi hija kellha tingħata riċevuta għall-ammont li tħallas minnha. Għalhekk għandha raġun l-appellanti fl-ilment tagħha li s-somma ta' €13,146.10 ma kellhiex tiġi akkordata lill-konvenuta rikonvenzjonanti ladarba ma ġietx suffiċjentement pruvata minnha. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-

appellata li l-appellanti ma kkontestatx ir-rapport tal-Perit Ivan Pace, ikkonsidrat li matul id-durata tal-kawża sħiħa, li damet għaddejja ftit anqas minn ħdax-il sena, l-appellanti dejjem ikkontestat ir-responsabbilità tagħha għal dan il-ħlas. Wara kollox ma kinitx l-appellanti li kellha tipprova kemm nefqet l-appellata f'dan ir-rigward. Dan l-oneru kien jinkombi fuq l-appellata u l-appellata manifestament naqset milli tipprova din il-parti tal-pretensjoni tagħha suffiċjentement skont kif teħtieġ il-liġi.

24. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel u t-tielet aggravji u tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li l-attriċi għandha tħallas lill-konvenuta rikonvenzjonata s-somma ta' tmienja u erbgħin elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro, u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€48,468.29) minflok is-somma ta' wieħed u sittin elf, sitt mija u erbatax-il ewro, u disgħa u tletin ċenteżmu (€61,614.39) ordnata mill-Ewwel Qorti, filwaqt li l-imgħax fuq is-somma bilanċjali dovuta lis-soċjetà attriċi wara li jitnaqqas l-ammont dovut lis-soċjetà konvenuta jibda jiddekorri mit-30 ta' Marżu 2006 u tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

Spejjeż tal-appell jitħallsu inkwantu nofs ($^1/_2$) mill-appellata u nofs ($^1/_2$) mill-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm